MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
ANTHONY ELLUL**

Seduta ta' l-20 ta' Gunju, 2003

Talba Numru. 2134/2002

**Citadel Insurance plc kif tinsab surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Joseph Vella u l-istess Joseph Vella**

**vs**

**Peter Vella**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu l-atturi talbu l-hlas tas-somma ta’ erba’ mija u erba’ u ghoxrin lira Maltija u tmintax-il centezmu (Lm424.18) [Lm399.18 dovuti lill-kumpannija Laferla Insurance Agency Limited u Lm25 dovuti lil Joseph Vella] jew somma verjuri li tigi likwidata minn din il-Qorti u tirraprezenta danni kawzati fil-kollizzjoni tal-21 ta’ Dicembru 2001, bejn il-vettura LAA 808 misjuqa minn Chris Vella u l-vettura KAC 259 misjuqa minn Peter Vella ghal liema incident inti kont unikament responsabbli.

Ra r-risposta tal-konvenut li permezz taghha kkontesta r-responsabbilta ghall-incident in kwistjoni.

Semghet ix-xhieda.

Ra l-atti.

Ikkunsidra:

1. Fil-qosor il-fatti huma s-segwenti:-

(a) Christopher Vella kien qieghed isuq il-vettura LAA 808 registrata fuq isem l-attur Joseph Vella.
(b) Il-konvenut kien qieghed isuq il-vettura bin-numru KAC 259 gej mid-direzzjoni ta' Triq Sant'Anna u ried idur ghal gewwa Triq l-Assedju l-Kbir.

2. Fit-tarf ta' Triq Sant'Anna s-sewwieqa ghandhom obbligu li jieqfu u jhallu jghaddi t-traffiku li jkun qieghed mar-roundabout fejn hemm il-*War Memorial*.

3. Id-divergenza bejn il-partijiet hija fejn sehh l-incident meritu tal-kawza. Il-konvenut jikkontendi li l-vetturi kienu diga' jinsabu fi Triq l-Assedju l-Kbir u kien is-sewwieq tal-vettura LAA 808 li waqt li kien qieghed jaghmel manuvra ta' sorpass fuq il-vettura KAC 259 laqatha fuq il-mudguard ta' quddiem [in-naha tax-xufier].

4. It-Tribunal kellu l-opportunita li jisma' x-xhieda kollha *viva voce* u huwa moralment konvint li l-verzjoni tal-fatti moghtija minn Christopher Vella hija iktar kredibbli minn dik moghtija mill-konvenut. Ma jistax ma jigix osservat ukoll li l-verzjoni moghtija mill-konvenut u li nsibu fl-okkorrenza li ghamel l-ufficjal tal-pulizija taqra hekk:- *"The driver stated that he was proceeding in St. Ann Str Floriana towards Floriana and he switched the left indicator to show that he was going to turn to the left side to Great Siege Rd and as he turned to Great Siege, car no LAA 808* ***came from the War Memorial roundabout and cut his right of way****"*. Verzjoni li ma tixbah xejn dik moghtija mill-konvenut meta xehed quddiem it-Tribunal.

Din in-nuqqas ta’ konsistenza ma tghinx lill-konvenut. Ghalkemm ighid [wara li gie mistoqsi mill-avukat difensur ta’ l-atturi] li wara kien gibed l-attenzjoni tal-pulizija fuq dak li nkiteb fl-okkorrenza, it-Tribunal m’huwiex konvint minn din l-affermazzjoni.  Lanqas ma rrizulta li ntbaghtet xi ittra b’avukat li permezz taghha l-konvenut ressaq l-ilment tieghu.

5. Ghal dak li jirrigwarda d-danni, dawn gew sodisfacentement ippruvati.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal qieghed jaqta’ u jiddecidi l-kawza billi jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi s-somma ta’ erba’ mija u erba’ u ghoxrin lira Maltija u tmintax-il centezmu (Lm424.18), bl-imghax kif mitlub.

Spejjez huma kollha ghak-karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------